**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 41/97Gozo

Krispinu Sultana

vs

Direttur Sptar Generali ta' Ghawdex u b'digriet tat-30 ta' Mejju 2000 giet korretta ghal Agent Supretendent Mediku Sptar Generali ta' Ghawdex u l-Ministru tas-Sahha, Kura tal-Anzjani u l-Affarijiet tal-Familja u b'digriet tat-30 ta' Mejju 2000 gie korrett ghal Ministru tas-Sahha, u Chairman Public Service Commission li gie kjamat fir-rikors b'digriet tas-27 ta' Jannar 1999 u Direttur Customer Services fil-Ministeru ghal Ghawdex u Chairman Kummisjsoni dwar is-Servizz Pubbliku li gew kjamati fir-rikors b'digriet tat-30 ta' Mejju 2000

Illum 25 ta' Settembru, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi hu kien wiehed minn group li resaq ghall-interview halli jigi ammess fil-"Course of Training for Hospital Surveillance Officers" u li ghalih kien applika fil-31 ta' Ottubru 1990.

Illi r-rikorrenti kien wiehed minn dawk li ma gewx maghzula.

Illi wara xi zmien dawk li resqu ghall-kors u ghaddew gew imlahhqa security guards.

Illi hu kellu servizz mal-Gvern fil-gate tal-isptar bhala Porter sa mis-sena 1984, snin qabel ma ddahhlu jahdmu dawk li gew mghoddijin ghal Security Guards.

Illi ghalhekk ir-rikorrent sofra ngustizzja lampanti meta hu ma kienx gie maghzul ghall-kors fuq imsemmi u bhal ohrajn imlahhaq security guard u dan in-nuqqas sar b'detriment ghalih u fil-fatt huwa sofra finanzjarjament kemm f'allowances kif ukoll fil-paga ta' kull xahar u ghadu jbati sal-lum ghaliex sal-lum hu ghadu fi grad "C" filwaqt dawk imlahhqa Security Guards huma fi Grad D.

Illi dawk li kienu gew maghzula ma kellhom l-ebda kwalifiki ahjar minnu, imma kienu gew maghzula sempliciment minhabba l-kulur politiku taghhom u huwa f'dan is-sens li huwa sofra ingustizzja.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji u li jinghata rimedji bil-ligi billi r-rikorrenti Krispinu Sultana gie promoss mill-grad presenti tieghu ta' Porter (li hu grad "C") ghal Security Guard (li hu grad "D") kif ukoll billi jinghata d-differenza f'allowances u pagi li tilef sa llum jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont kif jiddeciedi dan it-Tribunal. Bl-ispejjes kontra l-istess intimati nomine.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi l-Bord ta' l-Ghazla mahtur apposta ma ghazilx lir-rikorrent stante li dan ma kellux ir-rekwiziti rikjesti minn tali bord sabiex ikun jista' jikkwalifika ghal tali kors.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil Dan l-Onorabbli Tribunal illi jichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez stante illi nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta tad-Direttur ta' l-Isptar Generali ta' Ghawdex li eccepixxa: Illi huwa ma kienx il-legittimu kontradittur ghall-ilment fit-termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kap12.

Subordinatament illi l-awtoritajiet ta' l-Isptar ta' Ghawdex ma kienux responsabbli ghall-ghazla tal-partecipanti fil-kors ta' tahrig ghal "Hospital Surveillance Officers".

Ra r-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li eccepiet:

Illi fil-konfront tal-Kummissjoni dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex it-Tribunal hu prekluz li jinvestiga l-validita` ta' dak kollu li ghamlet jew taghmel il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha u dan skond l-Artiklu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta.

Illi minghajr pregudizzju jinghad illi l-Kummissjoni fl-ebda stadju ma kienet involuta fil-process ghal dhul fil-kors ta' tahrig ghal Hospital Surveillance Officers.

Illi l-allegazzjonijet u l-ilmenti l-ohra tar-rikorrent m'ghandhom ebda relazzjoni mal-operat tal-Kummissjoni u din ma taf xejn dwarhom.

Ra r-risposta tal-kjamat fil-kawza d-Direttur Customer Services fil-Ministeru ghal Ghawdex li eccepixxa:

Illi Krispinu Sultana ghamel l-interview halli jigi ammess fil-Course for Training for Hospital Surveillance Officers;

Illi huwa ma ghaddiex min dan l-interview;

Illi l-interview sar b'mod regolari u minn nies kompetenti u appuntati regolarment u ghaldaqstant ir-rizultat tal-interview huwa wiehed validu u gust;

Illi huwa ma giex maghzul ghall-Course for Training for Hospital Surveillance Officers ghar-raguni illi ma ghaddiex mill-interview u ghall-ebda raguni ohra;

Illi Krispinu Sultana ma lahaqx security guard ghas-semplici raguni illi ma ghandux il-kwalifiki necessarji peress illi huwa ma ppartecipax fil-"Course for Training for Hospital Surveillance Officers" u ghall-ebda motiv iehor;

Salvi eccezzjonijet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Ir-rikorrent ikkonferma l-kontenut tar-rikors u semma li kien applika biex jidhol ghal course ta' training ghal hospital surveillance officer izda ma ntghazilx. Esebixxa lista ta' nies li gew maghzula ghal course u sostna illi kontrarjament ghal kaz tieghu dawn qatt ma ghamluha ta' security guards qabel u li hu kien ilu tmien snin jaghmilha ta' security guard dak iz-zmien li applika. Sostna li r-raguni ta' dan kienet li huwa laburist. Semma li kull min ghamel il-course wara dahal bhala security guard. Sostna li huwa applika tliet darbiet biex isir security guard fl-1990, fl-1991 u fl-1992. Esebixxa card a fol 21 tal-process li minnha jirrizulta illi hu kellu r-rank ta' hospital surveillance officer fid-Dipartiment tal-Health and Environment. Semma li kien deher quddiem Bord u kien irrisponda d-domandi li sarulu. Bhala skola u kien attenda sal-5th u meta hareg kellu 14-il sena. Meta rega' xehed ghamel analizi komparattiva ta' l-applikanti tal-kors bejn kandidati Maltin u Ghawdxin u sostna li l-bicca l-kbira ta' dawk li ghaddew ghall-interview ghandhom edukazzjoni daqshom jew anqas.

Xehed Aldo Cini Senior Principal li beda jahdem fl-Isptar fl-1996 u lir-rikorrent kien sabu hemmhekk. Hu kien jaghmel xoghol ta' security guard ghalkemm il-grad tieghu huwa ta' porter. Semma li x-xoghol ta' porter jikkonsisti fil-garr ta' pazjenti filwaqt li dak ta' security guard hu dak li jzomm is-sigurta` fl-Isptar. Hu kien u ghadu jaghmel xoghol oghla mill-grad tieghu. Semma li r-rikorrent dahal jahdem mal-Gvern fl-1962 bhala casual servant, fl-1968 lahaq hospital servant u permezz ta' re-organisation li saret fl-1974 sar hospital auxiliary. Fl-1981 sar porter. Mill-file ma jirrizultax meta r-rikorrent beda jaghmilha ta' hospital surveillance officer. Izda minn ittra ohra li tinsab fil-file personali tar-rikorrent jilmenta dwar impjegat iehor ta' l-Isptar li kien jiskarta u din

ghandha d-data 4 ta' Frar 1989 u ghalhekk jidher li hu kien diga qieghed jaghmel xoghol ta' security guard dak iz-zmien.

Ir-rikorrent baqa' fil-grad ta' porter, f'salary scale 17 waqt li haddiema li ghandhom il-grad ta' security guard propja, jibdew minn salary scale 16 u jibqu telghin sa salary scale 14. Qal ukoll li fl-Isptar jew fic-Centri tas-Sahha gewwa Ghawdex, hemm b'kollox tmienja u tletin persuna, inkluz ir-rikorrent, li jaghmlu xoghol ta' security guards. Tlettax minnhom, inkluz ir-rikorrent, m'ghandhomx il-grad ta' security guard propja. Sostna li fil-prezent ix-xoghol li jaghmel ir-rikorrent u dak li taghmel persuna li ghandha l-grad ta' security guard huwa l-istess u m'hemm l-ebda differenza hlief fil-paga. Minn dawk il-hamsa u ghoxrin haddiem li ghandhom il-grad ta' security guard, kien hemm minnhom li ma kienux mal-Gvern imma dahlu minn barra. Semma li bejn skala 14 ghal skala 17 hemm kwazi Lm400 differenza u inoltre dawk li jahdmu bir-roster jaqilhu aktar flus.

Xehed Mario Borg Olivier rapprezentant tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li kkonferma li l-Kummissjoni fl-ebda stadju ma kienet involuta fil-process ghal dhul fil-kors ta' tahrig ghal hospital surveillance officers u ghaldaqstant il-Kummissjoni dwar kriterji addottati ghad-dhul fil-kors imsemmi ma jkollha l-ebda taghrif ghaliex ma tidhol fl-ebda decizjoni ta' min jidhol ghal kors ta' tahrig u min le.

Gie pprezentat affidavit ta' Frank Attard li semma li dawk kollha li applikaw sabiex jaghmlu kors ta' tahrig ghal Hospital Surveillance Officer kienu l-ewwel soggetti ghal intervista minn Bord ta' l-Ghazla mahtur mid-Dipartiment tas-Sahha kompost minn Joseph Micallef bhala

Chairman, Lino Callus, Michael Galea u Pawlu Abdilla bhala membri. Min intghazel minn dan il-Bord kellu jattendi ghal kors ta' sena sabiex ikun eligibbli biex japplika ghal post ta' Hospital Surveillance Officer meta tohrog is-sejha. Dan il-Bord kien mexa fuq kriterji stabbiliti u cioe` "education 30 marks, experience 30 marks, personality 60 marks u suitability 80 marks". Il-marka totali kienet ta' 200 u l-pass mark kienet 100. Fil-kaz ta' Krispinu Sultana dana ma ghaddiex ghax gab ir-rizultat segwenti: "education 04, experience 18, personality 25, suitability 32". It-total kien ta' 79 minn 200. Il-Bord kien appuntat mid-Dipartiment tas-Sahha. Kien l-istess Bord li stabbilixxa l-kriterji fuq x'hiex ghandu jimxi. Wara dan l-interview kienet harget sejha ghal post ta' Hospital Surveillance Officers. Ma kienux izda l-istess nies illi kienu fuq il-Bord biex ezaminaw lill-applikanti ghad-dhul tal-kors. Dwar il-post ta' Hospital Surveillance Officers l-interview saru minn Bord mahtur mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jidher car li t-talba tar-rikorrent hi bbazata fuq il-fatt li hu ma giex maghzul ghal kors ta' tahrig ghall-Hospital Surveillance Officer ghalkemm kien ilu jaghmel xoghol simili. Illi kawza tan-nuqqas ta' l-ghazla tieghu ghal kors spicca biex tilef l-opportunita` li possibiliment isir Security Guard u b'hekk tilef hafna flus ghalkemm fil-fatt irrizulta li ghamel snin twal hafna jaghmel l-istess xoghol.

B'riferenza ghall-***Eccezzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li l-kummissjoni f'ebda stadju ma kienet involuta fil-process ghal-dhul fil-kors ta' tahrig ghal-Hospital Surveillance Officer*** u li ghalhekk l-ilment tar-rikorrent ma ghandu ebda relazzjoni mal-operat tal-

kummissjoni irrizulta car a fol 22 mill-harga ta' l-applikazzjonijiet ghal dhul ghal-kors ta' tahrig ghal Hospital Surveillance Officer li kien it-Tabib Principali tal-Gvern li kellu x' jaqsam mal-applikazzjonijiet u li fl-ebda stadju ma dahlet fl-ghazla l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Dan hu wkoll konfermat minn Mario Borg Olivier li semma li l-kummissjoni ma kenitx involuta fil-process ghal dhul fil-kors ta' tahrig ghall-Hospital Surveillance Officer. Dan semma wkoll li l-kummissjoni ma kellha ebda taghrif u ma ndahlet f'ebda decizjoni ta' min jidhol fil-kors ta' tahrig. Illi ghalhekk mhux il-kaz li t-Tribunal jezamina l-eccezzjoni l-ohra tal-kummissjoni izda jilliberha mill-osservanza tal-gudizzju.

***Eccezzjoni bbazata fuq l-Artikolu 181B tal-Kap 12***

Illi fir-risposta tieghu d-Direttur ta' l-Isptar Generali ta' Ghawdex eccepixxa illi huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-ilment fit-termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kap 12. L-imsemmi artikolu jiddisponi li l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Illi in sostenn ta' l-eccezzjoni tieghu l-intimat ma ta ebda raguni ghaliex huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur izda sempliciment waddab l-eccezzjoni minghajr bl-ebda mod sostnieha. Jidher car minn fol 22 tal-process li kien proprju t-Tabib Principali tal-Gvern li kellu jilqa l-applikazzjoni ghal kors ta' "Hospital Surveillance Officers". Ghalhekk fl-azzjonijiet gudizzjarji huwa l-kap tad-Dipartiment koncernat li ghandha ssir il-kawza kontra tieghu. L-eccezzjoni ta' l-intimat qieghedha tigi respinta. Ara wkoll f'dan is-sens Joseph Grech vs Prim Ministru et 9 ta' Dicembru 1998, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta` Socjali 9

ta' Marzu 1999 u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28 ta' Ottubru 1999 it-tlieta decizi mit-Tribunal kif presjedut.

Illi l-eccezzjonijiet l-ohra tat-Tabib Principali tal-Gvern, Direttur Customer Services fil-Ministeru ghal Ghawdex u Direttur Sptar Generali ta' Ghawdex jirrigwardaw il-mertu tal-kaz. Bazikament huma jsostnu li r-rikorrent ma ntaghzilx biex jaghmel il-kors ghax ma kellux ir-rekwiziti u li l-interview sar b'mod normali minn nies kompetenti u appuntati regolarment. Illi t-Tribunal josserva illi d-dikjarazzjoni wahedha li r-rikorrent suppost ghaddha biex jaghmel il-kors ma twasslu ghal imkien. Huwa veru li ma setax isir Security Guard minghajr ma jaghmel il-kors izda fl-istess hin il-fatt wahdu li r-rikorrent kellu jigi maghzul biex jaghmel il-kors ta' Hospital Surveillance Officer ma kienx necessarjament iwassal ghal konkluzjoni li bil-fors kien sejjer jinghata l-hatra ta' Security Guard. Minn naha l-ohra dan it-Tribunal ma jhoss li jkun qed jaghmel xogholu sewwa jekk sempliciment jiddikkjara li r-rikorrent kien haqqu jigi moghti l-opportunita` li jaghmel l-imsemmi kors. Tali dikjarazzjoni ghalkemm tkun ta' sodisfazzjoni ghar-rikorrent ma twassallu xejn f'butu u l-anqas fil-prestigju.

Izda t-Tribunal kif ghamel diversi drabi f'kawzi ohra meta sab li r-rikorrent ikun ghamel xoghol superjuri ghal grad tieghu ghal zmien twil ghandu jiddikkjara li r-rikorrent ikun haqqu kumpens.

Fil-kawza fl-ismijiet Pinu Axiaq vs Direttur Generali tal-Qorti deciz a fl-20 ta' Gunju, 2000, dan it-Tribunal qal:

"Diversi drabi dan it-Tribunal hass li mhux sewwa li persuna ddum ghal zmien twil taghmel xoghol superjuri ghall-grad taghha u ma tinghatax il-promozzjoni jew kumpens ghax dan fil-verita` jammonta ghal li min ikun qieghed ihaddem qieghed jiehu servizz superjuri ghal dak li qieghed ihallas tieghu. Hi simili ghal li thaddem nies wara l-hin u ma thallashomx tieghu – haga mhix permessa mill-ligi. Dan pero` jrid jitqies fil-fattispecji partikolari tal-kaz."

Fil-kawza fl-ismijiet Mario Vella vs Direttur tal-Edukazzjoni et deciza fit-2 ta' Novembru 2000 it-Tribunal qal:

Impjegat li ghal zmien twil [f'dan il-kaz 7 snin] jaghmel xoghol superjuri ghal grad tieghu [labourer grupp A jaghmel xoghol ta' supervisor b'hamsin persuna tahtu] u b'mod efficjenti ghandu dritt ghal kumpens finanzjarju. Mhux necessarjament jaghtih id-dritt ghall-promozzjoni.

Ara wkoll Anthony Cachia vs Korporazzjoni Enemalta 6 ta' Dicembru, 2000.

Ghalhekk huwa gustifikat li r-rikorrent li ilu ghal zmien twil hafna probabbilment minn 1989 jaghmel xoghol ta' Security Guard ghandu jigi kkompensat sewwa ghal dak ix-xoghol ghalkemm it-Tribunal ma jistax li bhala tali jaghtih il-promozzjoni li qieghed jitlob. Jekk ir-rikorrent instab tajjeb biex ghal tlettax-il sena jaghmel xoghol ta' Security Guard li huwa zmien twil hafna dan messu nghata tali kariga. Sfortunatament it-Tribunal jista' jaghti rakkomandazzjoni ghall-hatra jekk tirrizulta

ingustizzja fil-mod kif saru l-hatriet. F'dan il-kaz l-ilment principali tar-rikorrent jirrigwardja li r-rikorrent ma ntaghzilx ghall-kors ta' Hospital Surveillance Officer li fih inniffsu mhux necessarjament iwassal ghal hatra ta' Security Guard. Ir-rikorrent tilef ma l-Lm400 ghal tlettax-il sena. It-Tribunal ihoss li ghalhekk ghandu jinghata kumpens ta' Lm4000.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat f' dak li jirrigwarda kumpens finanzjarju, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' erbat elef lira [LM4000].

Spejjez kontra l-Agent Supretendent Mediku Sptar Generali ta' Ghawdex u d-Direttur Customer Services fil-Ministeru ghal Ghawdex.